MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Talba Numru. 999/2009

**Andre Magro (ID 296573M), Carmel Magro (ID 190948M), John Magro (ID 78354M), Mario Magro (ID 341052M) u Paul Magro (ID 16358M) lkoll ezercenti n-negozju f'isem Michael Magro**

**vs**

**Anthony Galdes**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Novembru 2009, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn mija u sebgha u tletin Euro u disgha u sittin centezmu (€2137.69) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali.

Ra n-nota ta’ l-atturi datata 24 ta’ Frar 2010 li permezz taghha rriducew is-sorte ghal €1937.69 stante pagament akkont ta’ €200 fil-mori tal-kawza.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta’ Frar 2010, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf disa` mija u sebgha u tletin Euro u disgha u sittin centezmi (€1937.69), bl-imghax legali u bl-ispejjez kollha kif mitluba li ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------